# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 1741/99mm**

**Bathroom Styles Limited**

**vs**

**Birkirkara Football Club p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600.00) prezz ta' oggetti sanitarji u madum mibjugha u ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Mejju, 1999, u bl-interessi mill-istess sad-datat tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet it-talba ghall-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100.00).

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-9 ta' Ottubru, 2001, meta gew pprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta ghall-ammont ta' mitt lira Maltin bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.